# Il-Konvoj li ddeċieda l-ġejjieni ta' Malta

## Tifkira tal-75 sena mill-Miġja tal-Konvoj ta' Santa Marija 1942

*Tagħrif miġbur minn John Bonello*

**X'kien jiġri kieku Operation Pedestal falliet? Tgħid it-Tieni Gwerra kienet tintrebaħ mill-Assi** Ġermaniżi, **Taljani u** Ġappuniżi? **U Malta, x'kien isir minnha f'dan kollu? Illum huma ftit li jistaqsu dawn il-mistoqsijiet, għax gerbu s-snin, u l-**ġrajjiet **ta' dak iż-żmien ftit li xejn għad** għandhom **tifsira** għall-ġenerazzjonijiet **il-**ġodda.



Waħda mill-isbaħ tifkiriet li għandi tan-nannu hija dik tiegħu bilqiegħda fuq pultruna, liebes beritta ħadra u b'tazza te bil-lumi f'idu, waqt li jirrakkontali stejjer minn żmien il-gwerra. U stejjer x'jirrakkonta kellu ħafna. Kont ngħoxa nisimgħu, leħnu mimli emozzjoni qisu qed jerġa' jgħix dawk l-esperjenzi mill-ġdid. Ġrajja li kien iħobb isemmi ta' spiss kienet dik tal-wasla tal-Konvoj ta' Santa Marija f'Awwissu tal-1942.

In-nannu, bħal ħafna li twieldu fil-bidu tas-seklu l-ieħor, bata l-ġuħ u l-kruha tal-bumbardamenti bla waqfien li saru fuq gżiritna bejn l-1940 u l-1942. Għal dawk in-nies, Operation Pedestal tibqa' waħda mill-aktar mumenti importanti fl-istorja ta' Malta. Dak kien l-isem li l-Ingliżi taw lil dan il-konvoj–Operation Pedestal. L-għan tiegħu, li jitwasslu provvisti ta' fuel u ikel lejn Malta. Minn dakinhar għaddew 75 sena u d-dinja nbidlet ta' taħt fuq.

Dak iż-żmien Malta kienet tintuża bħala bażi militari għall-flotta tal-baħar u tal-ajru Ingliża biex ikunu jistgħu jattakkaw konvojs Ġermaniżi u Taljani fi triqithom lejn il-Libja u l-Eġittu. Il-pożizzjoni



strateġika ta' Malta għenet biex l-Alleati jżommu r-riedni tal-gwerra f'idejhom–iżda fissret ukoll attakki bla waqfien fuq gżiritna, b'assedju ta' bumbardamenti li dam sejjer għal sentejn sħaħ.

Għad-difiża ta' Malta, is-suldati Ingliżi kellhom bżonn ikel, munizzjon, armamenti u fuel biex iħaddmu l-ajruplani u tagħmir ieħor militari. Iżda biex dawn jitwasslu lejn gżiritna, kienet problema kbira.

Il-Konvoj ta' Santa Marija infatti kien wieħed minn għadd kbir ta' konvojs li ntbagħtu lejn Malta biex jissuplixxu lis-suldati u lill-Maltin. Uħud minn dawn il-konvojs irnexxielhom jaslu, oħrajn le, bħall-konvoj imsejjaħ Operation Julius li telaq lejn Malta f'Ġunju tal-1942, iżda minnu żewġ vapuri biss irnexxielhom jaslu. Il-falliment ta' din il-missjoni ħolqot problema peress li l-provvisti ta' ikel u fuel kienu naqsu sew. L-Ingliżi kienu inkwetati ħafna li Malta tista' tintrebaħ mill-għadu peress li ma kellhomx biżżejjed fuel biex jagħmlu difiża tajba.

Xi ħaġa li n-nannu kien ta' sikwit isemmi kienet li f'dik il-ħabta l-ikel kien problema kbira. Darba kull ħmistax, is-suldati Ingliżi kienu jitilgħu Ħad-Dingli bit-trakkijiet biex iqassmu razzjonijiet ta' ikel–kull persuna kien jingħata ammont żgħir ta' zokkor, xaħam jew butir, ħobż u corned beef li kellu jservi ġimagħtejn. F'Awwissu, l-Ingliżi taw ordni biex jinqatlu l-maġġor parti tal-bhejjem biex ikollhom anqas x'jitimgħu. Il-laħam ta' dawn il-bhejjem





tqassam lill-Maltin mill-Victory Kitchens madwar il-gżira kollha. Kienu ħafna dawk li bdew jibżgħu li jekk sa Settembru ma jaslux provvisti, Malta kien se jkollha ċċedi.

Il-Prim Ministru Ingliż Winston Chruchill akkost ta' kollox ma riedx li Malta taqa' taħt idejn il-Ġermaniżi u t-Taljani. Sostna li t-telfien ta' Malta jkun diżastruż għall-Imperu Ingliż u fatali għall-gwerra tal-Alleati. Kien għalhekk li flimkien mal-konsulenti tiegħu, organizza Operation Pedestal, konvoj ta' ħamsin biċċa tal-baħar fejn għadd ta' bastimenti tal-gwerra kellhom jeskortaw lit-tanker Amerikan SS Ohio biex iwassal il-fuel lejn Malta, kif ukoll erbatax-il vapur merkantili li kienu qed iġorru ikel u provvisti għal erba' xhur. Il-konvoj salpa mill-Ingilterra fit-3 t'Awwissu tal-1942 u għadda għal ġewwa l-Mediterran minn Ġibilta fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 t'Awwissu.



Il-bumbardamenti mill-forzi Taljani u Ġermaniżi bdew meta l-konvoj wasal qrib Sqallija, fit-12 t'Awwissu. Attakki ħorox mill-ajru u mill-baħar damdmu l-flotta Ingliża u għerrqu vapur wara ieħor u ħallew warajhom ħerba sħiħa. Aktar minn ħames mitt baħri u bdot tilfu ħajjithom f'dawk il-ftit jiem li nbidlu f'infern qerriedi.

Lejlet Santa Marija, fl-14 t'Awwissu tal-1942, il-vapur tal-merkanzija Brisbane Star irnexxielu jasal il-Port il-Kbir eskortat minn grupp ta' Spitfires. Mill-erbatax-il vapur merkantili li telqu mill-Ingilterra, ħamsa biss irnexxielhom jaslu Malta–iżda kienu biżżejjed. L-għada filgħodu, għall-ħabta tad-9.30, wasal it-tanker Ohio, imdawwar b'salt vapuri biex iżommuh fil-wiċċ u miġbud għal ġol-port nofsu mgħarraq u bil-magni weqfin wara l-ħsarat kbar li ġarrab mill-attakki. Il-Maltin li kien hemm fuq is-swar madwar il-Port il-Kbir ferħu u ċapċpu u grupp ta' bandisti daqqew Rule Brittania.

L-istorja tal-Konvoj ta' Santa Marija hija qawwija, mimlija emozzjoni u tiġrib. Dawk is-suldati u baħrin li taw ħajjithom biex ftit mill-vapuri jirnexxilhom jidħlu l-Port il-Kbir jisħoqqilhom jibqgħu jiġu mfakkra, għax mingħajrhom jaf qed ngħixu ħajja bil-wisq differenti.

Min irid isir jaf iżjed fuq Operation Pedestal u kif svolġiet il-ġrajja jista' jasal wasla sal-mużew tal-gwerra fil-forti Sant'Iermu, fejn Heritage Malta bnew l-isorja b'mod tassew interessanti. U għad-dilettanti taċ-ċinema, wieħed jista' jara l-film Malta Story, li nħadem fl-1953 u fih filmati oriġinali li jmorru lura 75 sena.